MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 18/2009

**Aldo u Audrey konjugi Meli**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta bhala successur fil-funzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq**

Il-kawza[1] titratta dwar porzjon art maghrufa tal-Qoton sive ta' Habel il-Qoton, Birkirkara By Pass, Birkirkara li r-rikorrent jikkontendi li xtara b'kuntratt tal-5 ta' Lulju 2000

[1] Ir-rikors promotur gie pprezentat fit-3 ta' April 2009.

fl-atti tan-nutar Dr Joseph Henry Sciriha. Ir-rikorrenti jallega li fl-1986 id-Dipartiment tat-Toroq kien ha 285 metri kwadri minn din l-art li ntuzat ghall-formazzjoni tal-Bypass ta’ B’Kara, u dan minghajr ma thallas kumpens lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti komplew ighidu li minkejja li talbu lill-intimati biex ihallsuhom kumpens, baqa’ ma sar xejn. Ir-rikorrenti jsostnu li huma qeghdin jigu mcahhda mill-proprjeta taghhom, mill-kumpens ghat-tehid tal-art u mill-access ghall-qrati biex jigi likwidat il-kumpens. L-ilment taghhom hu bbazat fuq vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Ghalhekk qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara t-tehid tal-proprjeta tar-rikorrenti sar bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.
2. Tiddikjara li l-agir tal-intimati wassal ghal vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.
3. Taghti dawk ir-rimedji xierqa fosthom:-
i. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex johorgu l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta skond il-provvediment tal-Kap. 88.
ii. Tillikwida kumpens xieraq ghall-okkupazzjoni tal-art kemm ilha li giet okkupata, u fir-rigward tad-danni u spejjez li sofrew ir-rikorrenti konsegwenza tal-agir abbuziv tal-intimati.

F’dan l-istadju ser tinghata sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz taghha qieghed isostni li m’huwiex il-legittimu kontradittur (ara verbal tas-seduta tal-21 ta’ Jannar 2011). Fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2011 id-difensur ta’ dan l-intimat iddikjarat: *“...... l-Kummissarju ma huwiex legittimu kontradittur peress li sallum ghadu ma sarx l-espropriju tal-art mertu ta’ dawn il-proceduri.”*.

S’issa ma tressqux provi.

Wiehed mir-rimedji li qeghdin jitolbu r-rikorrenti hu proprju li l-qorti tordna li ssir l-porzjon art li ttiehdet tigi esproprijata

skond il-provvedimenti tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88). Hi d-diskrezzjoni tal-parti li taghmel kawza li tifformula t-talbiet kif jidhrilha xieraq, ghalkemm ovvjament hi kwistjoni ohra jekk it-talba kif proposta ghandiex tintlaqa'. Skond din il-ligi l-Kummissarju tal-Artijiet ghandu l-poter li jakkwista immobbli ghal skop pubbliku (Artikolu 5), u jidher ghal Gvern ta' Malta. M'hemmx dubju li l-art li fuqha ghaddiet il-Bypass ta' Birkirkira kienet mehtiega li tittiehed ghal skop pubbliku. Ghalkemm skond l-Artikolu 3 hu l-President ta' Malta li permezz ta' dikjarazzjoni jiddikjara li art hi mehtiega ghal skop pubbliku, hu maghruf li l-process ta' esproprijazzjoni ma jibdiex direttament mill-ufficcju tieghu.

Mehud in konsiderazzjoni tar-rimedju li qieghed jintalab mir-rikorrenti, jidher li l-Kummissarju tal-Artijiet hu legittimu kontradittur. Ghalhekk il-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet bl-ispejjez kontra tieghu.

F'dan l-istadju tordna li **<u>sa l-ahhar ta' Jannar 2012</u>**:-

a) Ir-rikorrenti jipprezentaw affidavit taghhom flimkien ma' dokumenti li behsiebhom iressqu in sostenn tat-talbiet taghhom, fosthom il-kuntratt ta' xiri tal-5 ta' Lulju 2000 u dokumenti annessi.

b) L-intimata Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex tipprezenta affidavit tal-Kap taghha jew ufficjal iehor fejn jaghti rendikont ta' kif ittiehdet il-porzjon art oggett ta' din il-kawza, u min kien id-Dipartiment responsabbli ghat-tehid tal-art. Ghandu jaghti dettalji dwar id-data meta ttiehdet il-pussess tal-art. F'dan ir-rigward ghandu jipprezenta kopja ufficjali ta' dokumenti rilevanti.

c) Il-Kummissarju tal-Artijiet jipprezenta affidavit fejn ighid x'inhi r-raguni li f'dan il-kaz ma saritx esproprijazzjoni skond il-Kap. 88, u x'qieghed izomm milli jsir dan l-ezercizzju.

Dak kollu li jigi pprezentat ghandu jinghata kopja tieghu lid-difensur tal-partijiet l-ohra.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------